Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 218 / 2019**

Il-Pulizija

Spettur Elliot Magro

vs

**Joseph Micallef**

Illum, 9 ta' Dicembru 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Joseph Micallef, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 602460 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skond l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIIItal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, waqt spezzjoni ta' sorpriza li sehhet fis-7 ta' Dicembru, 2017 gewwa Tas-Sirena Café & Restaurant li jinsab fi triq Cornelio Dingli, Senglea, irrizulta li jew huwa jew xi peruna ohra li kienet qed tiggestixxi ghan-nom tieghu, xjentament naqas li

jirrilaxxa ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali u / jew permezz tal-kotba fiskali kif approvati mill-Kummissarju tat-Taxxi li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 13 tat-Tlettax-il skeda litinsab mal-Att tal-1998, skond il-kumpens lilu mhallas, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u € u 82 ta' l-istess Att.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Lulju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat partiti 1, 2 u 3 tat-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 ta' l-istess Att, il-Qorti sabet lill-akkuzat hati tal-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u ikkundannat lill-istess imputat ghall-hlas ta' multa ta' tlett elef ewro b' dan illi ghandha tizdied b' hames ewro f' kaz illi wara tlett xhur ma jkunx sari l-hlas lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur mizjud.

Rat ir-rikors tal-appellanti Joseph Micallef minnu pprezentat fis-26 ta' Lulju, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha:-

1. Tirriforma s-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Joseph Micallef** mghotija mill-Onorabbli Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-hmistax (15) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) billi tiddikjara nulla s- sentenza appellata ghar- ragunijiet imressqa fl-ewwel aggravju u tibghat l-atti ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il- Ligi, u fi kwalunkwe kaz, tirrevoka dik il- parti fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi u minflok tillibera lill-appellant mill- akkuzi kollha dedotti kontra tieghu; jew fin-nuqqas.

2. Tirriforma s- sentenza fl-ismijiet il- **Pulizija vs Joseph Micallef** mghotija mill-Onorabbli Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-hmistax (15) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn

sabitu hati u tvarjaha billi tnaqqas il- piena inflitta fuq l-appellant sabiex tinfliggi piena aktar adattata ghac- cirkostanzi tal- kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>L-Ewwel Aggravju: In-Nullita tas-Sentenza:</u>**

1. Illi bl-akbar umilta' l-appellant umilment jirrileva illi s-sentenza li minnha huwa interpona dan l-umli appell, hija null u dana stante li hija nieqsa ghall-ahhar mill-motivazzjoni li biha l-qorti waslet ghas-sejbien ta' htija tal-appellant.

2. Illi fis-sentenza taghha, l- Ewwel Qorti rrilevat s-segwenti: *"Il-Qorti ghalhekk strahet fuq ix-xhiedha guramentata tal-Ufficjal mid-Dipartiment tal-VAT u d-dokumentazzjoni li huwa pprezenta hawn fuq imsemmija u b'konvinzzjoni sabet lill-akkuzat hati…"*[1]

3. Illi dejjem bid-dovut rispett, minkejja li l-Ewwel Qorti tghid li *'b'konvinzzjoni sabet lill-akkuzat hati'*[2], dina l-konvinzzjoni ma tirrizulta mkien fid-decisjoni taghha, u dana meta specjalment meta fix-xhieda tieghu l-imsemmi Martin Buttigieg li tant strahet fuqu l-Ewwel Onorabbli Qorti, jghid li l-appellant kellu il-ktieb fiskali, u li dakinhar kien hareg ircevuti fiskali permezz tal-imsemmi ktieb u li anke lilhom hargilhom ircevuta fiskali. Illi fid-dawl ta' dan, u dejjem bl-akbar rispett, din il-konvinzzjoni tal-ewwel qorti, l-esponenti ma jistax jifhem minn fejn irrizultat.

4. Illi l-appellant umilment jirrileva illi f'proceduri bhal din fejn l-appellant gie

[1] Vide sentenza tal-Ewwel Qorti tal- 15 ta' Lulju 2019.

[2] Ibid.

mmultat s-somma ta' tlett elef ewro, kien jimmerita motivazzjoni u konsiderazzjonijiet issostanzjati. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex taqbad u tiddeciedi fuq il-piena minghajr ma taghmel l-icken motivazzjoni jew konsiderazzjoni. Illi huwa minnu illi jista jkun hemm certi kawzi fejn l-Ewwel Qorti jkollha ragun illi ma jkollhiex ghalfejn tidhol fil-motivazzjoni, certa kawzi pero min-natura taghhom stess jirrikjedu aktar studju, motivazzjoni u konsiderazzjonijiet u dina hija proprja wahda minnhom fejn il-qorti messha tat aktar importanza ghas-sustanza ta' din il-kawza u l-konsegwenzi taghha.

5. Illi f'dan l-istadju qed ssir referenza ghas-sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti: fl-ismijiet **Pulizija vs Jude Formosa**[3] fejn il-Qorti fid-dawl ta' akkuzi simili ghal dawk tal-appellant irrilevat illi:

*Illi dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tikkondividi pjenament dak kollu li jintqalf ir-rikors tal-appell. Dan hu kaz iehor fejn qorti tal-magistrati (malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali partikolarli, qed tghaddi ghal sentenza minghajr ma taghti motivazzjoni biex turi kif waslet ghall-konkluzzjoni taghha… din il-qorti diga kellha okkazzjoni li tesprimi ruhha dwar nuqqasijiet simili… w b'rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li hemm ritenut fl-appell kriminali Pulizija vs Joslann Brignone.*[4]

6. Illi wkoll gie ribadit:

*'Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha*

---

[3] Appell Numru: 72/2019 Il-Pulizija (Spettur Colin Sheldon vs Jude Formosa) deciza nhar it- 18 ta' Gunju 2019 mill- Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-onor Imhallef Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.

[4] Vide: *Pulizija vs Joslann Brignone deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 8 ta' Frar 2007.*

*difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal-Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba* t*ali sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta.*'[5]

7. Illi dan in-nuqqas, kif anke kelha l-opportunita li tirrimarka dina l-Onorabbli Qorti jimpingi fuq id-dritt tal-esponenti ghall-difiza adegwata u d-dritt ghall-smiegh xieraq hekk kif protett taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi ghar-rigward l-ahhar punt, dana kien ribadit mill-Qorti Ewropea fi Strasbourg fil-kawza: **Gradinar vs Moldova** (Deciz fit- tmienja (8) ta' April 2008). Illi ghalhekk l-esponenti umilment jirrileva illi s-sentenza appellata hija nulla stante illi hija nieqsa ghal kollox mill-motivazzjoni li biha l-Qorti waslet ghall-htija tal-appellanti.

**It-Tieni Aggravju- Apprezzament Hazin tal-Provi**

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant qieghed permezz ta' dana it-tieni aggravju ulterjorment jirrileva illi ghalkemm ormai huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti

---

[5] Vide: Il-Pulizija vs. James Grima deciza fit- 8 ta' Marzu 2007.

setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

9. Illi pero, jekk il-Qorti tal-Appell Kriminal tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni  valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni. Illi f'dan l-istadju qed issir referenza ghas-sentenzi segwenti*: Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, Ir-Republika ta'Malta vs George Azzopardi, il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, Il-Pulizija vs Anthony Zammit.*

10. Illi fil-kaz odjern, fl-umli fejma tal-appellant, l-apprezzament tal-provi li sar mill-Ewwel Qorti kien wiehed manifestament hazin gialadarba a bazi tal-provi li nstemghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti, dik il-Qorti ma setghetx ragonevolment u legalment tasal biex issib htija fiha. Il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma setghu jwasslu lill-Ewwel Qorti ghal dak il-konvinciment morali rikjest mil-ligi sabiex setghet issib htija fih.

11. Illi l-grad ta' prova fil-kamp kriminali rikjest biex ikun hemm sejbien ta' htija jitlob illi l-Qorti biex tasal ghas-sejbien ta' htija tal-akkuzat, din il-htija ghandha tirrizulta mill-atti li l'hinn minn kull dubju dettat mikr-raguni, u li kwalsiasi dubju ghandu jmur favur l-akkuzat – *in dubio pro reo.*

12. Illi sabiex ir-reat li bih gie akkuzat u cioe li l-appellant xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta' cash register jew permezz tal-kotba fiskali

fil-mument li sari l bejgh. Illi ghalhekk sabiex dan ir-reat jissusti l-prosekuzzjoni riedet tipprova li l'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li effettivament kien sari l-bejgh u li xjentement naqas li jirrilaxja ricevuta fiskali permezz ta' cash register jew permezz tal-kotba fiskali fil-mumemt meta sari l-bejgh. Illi quddiem l-ewwel qorti, xehed l-appellant u xehed Martin Buttigieg, fejn dan jikkorabora dak li xehed l-appellant quddiem l-ewwel qorti, izda minkejja li ghazel li jixhed u minkejja li ta' spjegazzjoni detaljata tal-akkadut u c-cirkostanzi li sab fihom hu dakinhar, cirkostanzi li anke gew korraborati minn Martin Buttigieg, xejn minn dak li xehed l-appellant ma gie riprodott fis-sentenza tal-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghajr li: '*l-imputat xehed li kellu l-cash register bil-hsara u meta l-klijenti jhalsu fl-ahhar tohrog ircevuta fiskali.*'[6] Illi quddiem l-ewwel qorti l-appellant spjega kif fil-hanut tieghu huma jaghmlu uzu minn sistema eletronnika, fejn dina s-sistema tirregistra l-ordnijiet kollha li jkunu ttiehdu mill-impjegati tieghu ghal kull mejda. Illi dina fl-ahhar minnha tohrog bhal ishu karta bil-prezzijiet relattivi ghal kull ordni li tkun saret. Illi l-appellant prova jispjega quddiem l-ewwel qorti, illi dakinhar kif appena il-mejda in kwistjoni inghalqet hareg il-karta mis-sistema, u kif kien ser jsir il-hlas, hemmhekk huwa hareg l-ircevuta fiskali, li normalment huwa johrog mill-cash register. Illi peress li dakinhar kif anke xehed Martin Buttigieg, il-cash register tal-appellant kien bil-hsara, huwa kellu l-ktieb fiskali a portata di mano, huwa ghamel uzu minn dak, ghaliex effetivament l-ircevuta harget. Illi l-appellant spjega quddiem dina l-Qorti li l-karta li tohorg is-sistema eletronika hija biss indikazzjoni tal-ordnijiet u l-prezzijiet relattivi. Illi fiflatt ix-xhud li tant strahet fuqu l-ewwel qorti jghid b'mod car li l-imputat kellu ktieb tar-ricevuti fiskali – u dana anke kkonfermah in kontro ezami, u cioe li l-ktieb tar-ricevuti fiskali kien qieghed hdejn l-appellant u li dakinhar l-appellant kien anke hareg ircevuti ohrajn.

---

[6] Vide sentenza tal-ewwel qorti.

13. Illi li kieku l-appellant ried b'xi mod jonqos mill-jaghmel dak li bil-ligi huwa kien obbligat li jaghmel, certament li ma kienx ser ikollu l-ktieb tal-ircevuti fiskali fejn jidher, u certament ma kienx ser ikollu fl-istess ktieb ircevuti ohrajn minn dik l-istess gurnata. Illi ghalhekk u in vista ta' dak appena premess, fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt issib htija fl-imputat; u dan anke fid-dawl tal-grad ta' prova rikjesta fil-proceduri odjerni fejn kull dubbju ghandu jiffavurixxi lill-imputat.

**<u>It-Tielet Aggravju: Il-Piena</u>**

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u ulterjorment ghal dak suespost, fl-umli fehma tal-appellant, il-piena imposta mill-Ewwel Qorti kienet wahda eccessiva u mhux idoneja. Illi anke fl-ipotesi li l-appellant ried b'xi mod jahrab mill-obligazzjonijiet minnu imposti mill-ligijiet fiskali, ghalkemm dan ma kienx il-kaz, il-multa imposta mill-ewwel qorti ghalkemm hija wahda entro l-parametri stabbiliti mill-ligi, kienet wahda eccessiva.

15. Illi fl-umli fehma tal-appellanti, l-Ewwel Qorti, meta waslet biex tinfliggi l-piena fuq l-appellant naqqset milli tikkunsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, u li saret referenza ghalihom aktar il-fuq f'dana ir-rikors tal-appell. Illi ghalhekk, l-appellant umilment jirrileva illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-appellant huwa hati tal-akkuzi dedotti kontrih, hija joghgobha timponi fuq l-appellant piena aktar gusta u idoneja fic-cirkostanzi.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-aprtijiet u dan fis-eduta tal-20 ta' Novembru 2020 u dan peress li x-xhieda taghhomma gietx dattilografata quddiem l-ewwel Qorti

Semghet lil **Martin Buttigieg**, VAT inspector jixhed fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2020 fejn kkonferm ali jokkupa l-kariga ta' VAT  inspector u talli nhar is-7 ta' Dicembru, 2017 huwa zamm spezzjoni flimkien ma kollega tieghu Joe Cassar fl-istabiliment Café Serena gewwa Isla. Jghid li hemmhekk tkellem ma sid l-istabilitment certu Joseph Micallef li ghandu karta ta' identita numru 602460(M) pero mistoqsi jekk jgharafx lill-appellant jghid li ma jgharfux.

Qal li una volta kienu fl-istabiliment talbu lil Joe Micallef juruh il-cash register u kkonferma li din kienet bi hsara u li skond ma qallu Micallef kien ser johodha ghat-tiswija. Qal li waqt li hu kien qed ikellem lil Joe Micallef kien hemm mejda li kienet lesta u Micallef hareg kont li ma kienx *fiscal receipt* fl-ammont ta' €34.50 u talbu biex johrog *fiscal receipt* u ghalhekk hargeel-fiscal book u ghamel *fiscal receipt* dak il-hin stess u ghaddhiha lill-klijent.. Qal li dak il-hin imbaghad is-sur Micallef kiteb ricevuta ohra fl-ammont ta' €29.30 li kienet tirrappresenta dak li kien hallas il-klijent ta' qabel pero ma lahaqx ghadda din il-kopja li tinsab esebita fl-atti u markata bhala dok B lil klijent ghaliex dan kien lahaq telaq u kien ghalhekk li taha lilu u li hu pprezentaha quddiem l-ewwel Qorti..

Muri d-okumenti A u B fl-atti ighid li dok A huwa ir-rapport taghhom dwar l-ispezzjoni li saret u dok B huwa l-ircevuta li hareg dak il-hin Joe Micallef tal-klijenti li kellu dak in-nhar liema ricevuta ma inghatatx lill-klijenti izda lilu.

In kontro esami jikkonferma li l-cash register verament kien bil-hsara u li verament kellu ktieb tal-fiscal receipt. Qal pero li quddiemu ma ghadda l-ebda fiscal receipt minn rajh u l-ircevuta li hareg fl-ammont ta' €34.50 u li ta' lill-klijent harigha fuq domanda tieghu. Ikkonferm l i l-ircevuta fl-ammont ta' €29.30 harigha dakinhar fuq rikjesta tieghu wara li kien hareg il-klijent u ghalhekk kienet ghadha ghandu. Huwa gabar l-ircevuta fl-ammont ta' €29.30 u pprezentaha lil Qorti.

L-appellant **Jospeh Micallef** kien xehed quddiem l-ewwel Qorti u rega xehed minn jeddu u b'mod volontarju nhar l-20 ta' Novembru, 2020 quddiem din l-istess Qorti. Ikkonferma li huwa sid l-istabiliment Serena Café l-Isla u li kien gharaf ix-xhud precedenti Martin Buttigieg bhala l-ispettur li dakinhar tas-7 ta' Dicembru, 2017 kien ghamel spezzjoni fil-fond tieghu. Spjega li dakinhar kien hemm mejda bil-klijenti li talbu l-kont. Huwa ghalhekk hareg kont li ma kienx fiskali izda wara stenna sabiex il-klijent imur hdejn il-bar biex jghalaq il-kont u itih l-ircevuta fiskali. Jghid li fil-fatt hareg ricevuta mill-ktieb li kellu u taha lill-klijent. Mistoqsi jekk fil-fatt harigx ricevuta tal-kont fl-ammont ta' €29.30 jghid li kien harigha izda ma jafx sar minnha. Ma jghidx li ta' l-klijent u fil-fatt haseb li kienet esebita fl-atti.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fl-istess seduta tal-20 ta' Novembru, 2020 .

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni.

Ikunsidrat.

Il-Qorti semghet lil-Dr Noel Camilleri ghall-appellant jghid li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hija nulla u dan ghaliex ma gewx spjegati il-fatti fis-sentenza li waslu lill-gudikant tasal ghall- htija tal-appellant u fil-fehma tieghu  dan imur kontra dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal- kap 9 tal-ligjiet ta' Malta. Il-fatt li l-Magistrati qalet fid-decide taghha  'il-Qorti strahet fuq ix-xhieda guramentata tal-Ufficcjal mid-dipartiment tal-Vat u d-dokumentazzjoni li huwa pprezenta hawn fuq imsemmija u b'konvinzjoni sabet lill-akkuzat hati' ma jammontax ghall- fatti rikjesti mill-ligi skond l-artikolu 382 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

L-Avukat Generali min naha tieghu qed jghid li d-difza qed thallat il-fatt mal-motivazzjoni li huma zewg binarji differenti. Isostni li skond il-gurisprudenza nostrana l-Qorti ghandha ticcita biss il-fatti u ma hemmx bzonn quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm il-motivazzjoni tas-sentenza kif enuncjat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appellli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija**

**vs Albert Caruana** [7]. F'din is-sentenza l-ewwel Qorti iccitat l-akkuzi li ingahtaw fil-konfront tal-appellant li jekwiparaw ghall-fatti tal-kaz.

**Kunsiderazzjinijiet legali.**

Din il-Qorti tibda biex tghid li l-**artikolu 382 tal-kap 9** tal-ligijiet huwa differenti mill-(artikolu 662(2) tal-Kap 9 fejn il-Qrati Kriminali hija marbuta li taghti r- ragunijiet taghha u timmotiva is-sentenza taghha.

Il-ligi tipprovdi is-segwenti:-

**Artikolu 382**:-

*"Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandhatgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena ussemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkuntikkontempla r-reat"*

**Artikolu 662(2):-**

*"Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni"*:

Ghalhekk minn esami ta' dawn iz-zewg artikolu jirrizulta mill-ewwel id-differenza li ghandu ikun hemm f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u dik moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali jew anke il-Qorti Kriminali fejn f'dawn l-ahhar zewg qrati, l-ligi tesigi li jkun hemm " *ir-raguijiet li jkunu waslu l-Qorti ghal dik id-decisjoni."*

L-**artikolu 382 tal-kap 9** jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti u appuntu skond dan l-artikolu, il-Qorti ghandha issemmi b'mod partikolari meta qed taghti is-sentenza taghha:

---

[7] Sentenza mghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar it-30 ta' Jannar 2017.

(i) Il-fatti li tagħhom l-akkuzat ikun ġie misjub ħati;

(ii) Tagħti l-piena lill-hati u

(iii) Isemmi l-artikolu tal-kodici jew kull rat iehor li johloq ir-reat .

Il-Qrati f'hafna okkazjonijiet stqarrew u insistew fuq l-importanza li jigi segwit dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal kap 9. Tant hu hekk li hemm numru ta' sentenzi li jipprovdu li nuqqas wiehed ta' xi formalita f'wahda minn dawn it-tlett elementi fuq imfisra iwassla ghan-nullita ta' sentenza bhala risultat ta' difett fil-formalita. Fi kliem iehor dawn ir-rekwiziti mhumiex semplici formalita izda rekwiziti necessarji ghall-validita tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Azzoparti et**[8] il-Qorti irriteniet li:-

*"Skont ġurisprudenza paċifika tal-Qorti tal-Appell Kriminali, l-inosservanza ta' xi wieħed ir-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali fis-sens tal-artikolu 428(3) tal-imsemmi Kodiċi, bil-konsegwenti nullita' tas-sentenza jew ta' parti minnha skont il-każ. Tali nullita' hija sollevabbli 'ex ufficio'"*.

Jinghad ukoll li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Agius**[9], gie ritenutli:-

*"in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jammonta ghan-nuqqas ta' formalita` sostanzjali"*.

Dawn ir-rekwiziti huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk u sabiex sentenza tigi dikajrata nulla mhemmx lok li jkun hemm nuqqas f'kull rekwizit izda jekk jirrizulta li hemm nuqqas f'wiehed minn dawn ir-rekwiziti dan ikun bizzejjed sabiex is-sentenza tigi ddikajrata nulla. Ghalhekk peress li dawn ir- rekwiziti imsemmija fl-**artikolu 382** ghandhom ikun prezenti f'kull decisjoni tal-Qorti, in-nuqqas ta' wahda minnhom,

[8] Vol.LXXXIII.1999 Part IV paġina 340

[9] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali fit-3 ta' Frar 1995.

jammonta ghan-nuqqas ta' formalita' fis-sustanza u konsegwentement iwassal ghan-nullita tas-sentenza

Tibda billi ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Carmel Polidano'**[10]fejn gie kkunsidrat:

'Jigifieri għall-validita` huwa sufficjenti illi sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ssemmi l-fatti (ossia l-imputazzjonijiet) li tagħhom persuna tkun instabet ħatja, il-piena u l-artikoli li jikkontemplaw ir- reati li tagħhom persuna tkun instabet ħatja. Minn dan l-Ewwel Qorti ma tippekkax fis-sentenza appellata peress illi tikkontjeni dawn l-elementi kollha. Imbagħad l-**artikolu 662(2)** jipprovdi: "*Kull deciz joni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tigi deciza kwistjoni ta' ligi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-ragunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-decizjoni*".

Jigifieri sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li ma ssemmix ir- ragunijiet li wassluha għad-decizjoni tagħha ma titqiesx nulla.

Naturalment huwa dejjem rakkomandabbli li jissemmew almenu minimu ta' ragunijiet, izda n-nuqqas tagħhom ma jwassalx għan-nullita` tas-sentenza.'

Sentenza li tikjarifika dak li l-legislatur ried ifisser bil-kelma '*fatti*' fl-**artikolu 382** tal-**Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta hija dik fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Elton Abela**[11]**'**:

'*Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il- kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L- ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal- ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id- dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha lewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall- imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-*

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 (Appell Kriminali Numru. 338/2013)

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Jannar, 2005 (Appell Kriminali Numru. 194/2004)

*ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s- sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l- imputazzjonijiet kollha" wara lkelma "hati".'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur S. Tanti) Vs Omissis**[12] fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**[13] fejn intqal is-segwenti:-

*"Din il-Qorti diga' kellha okkazzjoni li tesprimi ruha dwar nuqqasijiet simili fejn intqal Illi din mhux l-ewwel darba li minn din l-awla partikolari tal-Qrati tal-Magistrati qed jigu quddiemha sentenzi fuq kawzi dwar reati serjissimi privy mill-icken ombra ta' motivazzjoni w kellha okkazzjoni tirrimikarka avversament fuq din il-prassi w b' rinkrexximent kbir ser ikollha terga tirrepeti dak li rriteniet fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joslann Brignone**"* fejn gie ritenut li :-

*"…..din il-Qorti thossha ……fid-dmir li taghmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jigri ta' spiss fil-Qrati tal-Magistrati - w partikolarment fl-awla li minnha emanat is-sentenza appellata - li kawzi ta' certa portata w gravita' qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-ligi - bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodici Kriminali f' dawn l-ahhar tlitt decenni w li mhux dejjem saru b' koerenza mall-hsieb inizjali tal-Kodici kif kien koncepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jgibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi ghax il-motivazzjoni mhix wahda mir-rekwiziti mehtiega ad validitatem fl-art. 382 tal-Kodici Kriminali.*

*Dan ghaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut ad validitatem ta' sentenzi u f' kawzi fejn l-akkuzi jkunu johorgu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess* Kodici *w partikolarment fejn jew l-Avukat Generali jkun ta' l-kunsens tieghu biex jigu decizi bi proceduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu rimessi lilu, jipprezenta n-nota bl-artikoli*

---

[12] Appell Kriminali Numru. 372/2006 deciz 21 ta' Gunju 2007.

[13] Appell Kriminali deciz fit-8 ta' Frar 2007

*li tahthom jidhirlu li tista' tinstab htija biex il-kaz, fl-assenza ta' oggezzjoni tal-imputat, jigi gudikat minn dik il-Qorti.*

*Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, hsieb jew moitivazzjoni f' dawn is-sentenzi. Pero' mhux l-ewwel darba li - kif gara f' dan il-kaz – f' din l-Awla partikolari, kawzi serjissimi qed jigu decizi bla ebda motivazzjoni w cioe', wara li jigi rikapitulati l-akkuzi, il-Qorti tghid :-*

*"Ikkonsidrat"*

*"….issib jew ma ssibx htija skond l-akkuzi.*

*"Illi tali stezura, ……. zgur li hija ghal kollox karenti minn dak li hu mistenni ordinarjament mill-gudikant meta jkun qed jiddeciedi kawzi bhal dawn u taghmilha difficli kemm ghall-parti vincitrici li ssostni w tiddefendi s-sentenza appellata kif ukoll ghall-parti sokkombenti li tintavola appell kontra motivazzjoni fantomatika, li forsi tkun tezisti biss f' mohh il-gudikant. Inoltre fejn il-Qorti tal-Appell thoss li jkun il-kaz li tikkonferma s-sejbien ta' htija w l-piena erogata, jkollha ta' spiss taghmel ix-xoghol tal-Qorti tal- Magistrati hi stess billi timmotiva ghall-ewwel darba ta' sejbien ta' htija w piena. Din il-prattika ghalhekk hija wahda rregolari w trid tigi evitata ghax qed twassal ghal stultifikazzjoni tal-operat tal-Qorti involuta."* (ara ukoll App. Krim. "**Il-Pulizija vs. James Grima**[14]")

Referenza ukoll f'dan ir-rigward hija lejn is-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Paul Chetcuti Caruana**[15] fejn inghad li:-

*Jibda biex jinghad illi l-appellant tressaq il-Qorti fuq procedura sommarja fid-distrett tal-Mosta f'liema kaz allura l-Qorti tal-Magistrati biex tissodisfa l-vot tal-ligi kien ikun bizzejjed li taghmel riferenza ghall-fatti kif esposti fic-citazzjoni, tindika l-artikoli tal-ligi u taghmel id-dikjarazzjoni*

[14] Appell Kriminali deciz 8 ta' Marzu 2007

[15] Appell Kriminali deciz 19 ta' Frar 2014

*ta' htija o meno u jekk ikun il-kaz, il-piena. M'ghandhiex ghalfejn terga' tirrepeti b'mod aktar dettaljat il-fatti kif jidhru fil-bidu tac-citazzjoni peress illi jekk ippruvati, l-Qorti tista' taghmel pjena riferenza ghalihom u xejn aktar.*

Dan iwassal lil din il-Qorti tesamina s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti sabiex tara jekk dak li qed jillamenta minnu l-appellant hux minnu u fit-tieni lok jekk tali aggravju iggibx in-nullita tas-sentenza kif qed jintalab minnu.

Fis-sentenza moghtija fl-ismijiet premessi nhar il-15 ta' Lulju, 2019, hemm referenza ghall-akkuzi kif migjuba kontra l-akkuzat illum appellant, ir-raguni ghaliex instab hati u cioe ghaliex li " ix-xhieda u d-dokumentazzjoni li gew prodotti ma gewx kotnradetti" u " *il-Qorti ghalhekk strahet fuq ix-xhieda guramentata tal-Ufficcjal mid-dipartiment tal-VAT u d-dokumetnazzjoni li huwa pprezenta hawn fuq imsemmija u b'konvinzjoni sabet lill-akkzuat hati,."*. Hemm ukoll hemm dikjarazzzjoni ta' htija wara li ccitat l-artikoli tal-ligi gharreat li qed issibu hati taghha u cioe talli naqas li johrog ricevuta fiskali u l-piena li qed tigi errogata ta' tlett elef euro ( €3,000). Apparti li hemm ukoll l-applikazzjoni tal-artikolu 373 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-Qorti rat li l-elementi kollha kif fuq imfisra rikjesta skond l-artikolu 382 tal-kodici Kriminali huma hemm u konsegwentement dan l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint u l-Qorti ghaddiet biex tittratta l-aggravji l-ohra.

Dwar it-tieni aggravju u cioe dak li jikkoncerna l-apprezzzament hazin tal-provi jinghad is-segwenti. Kif tajjeb gie ritenut fis-entenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Omisses (1</u>**)[16] l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel

[16] Deciza fil-21 ta' Gunju 2007 - Appell Kriminali Numru. 372/2006.

apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *inter alia* l-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[17]; **Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[18] ; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [19] ;**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[20] (u tant sentenzi ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza R. v.Cooper ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza **s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act**, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."* [21]

F'dan il-kaz, fl-assenza ta' nuqqas ta' motivazzjoni jew ahjar ta' raguni sufficcjenti , din il-Qorti ghamlet ezami approfondit mill-gdid tal-provi mismugha minnha biex tara

---

[17] Deciz mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju, 1994.

[18] Deciz mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar, 1989.

[19] Deciz mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 199.

[20] Deciz mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991.

[21] Blackstone Criminal Practice (1991), p. 1392..

jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l- imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta is-egwenti:-

1. L-appellant huwa sid il-fond Serena Café, Isla
2. Li fis-7 ta' Dicembru 2017 saret spezzjoni minn Martin Buttigieg Spettur tal Vat u prezenti kien hemm l-appellant.
3. Li l-cash register tal-appellant dakinhar ta' l-ispezzjoni ma kienx qed jahdem u li allura l-apapellant kellu juza l-kteib tal-fiscal receipt .
4. Illi fil-presenza tax-xhud Buttigieg l-appellant hareg ricevuta ghal mejda izda mhux fiscal receipt u kien biss meta gie mitlub mill-isepttur li hareg ricevuta fiskali u ghaddiha il-klijent.
5. Illi mhux hekk biss li fil-fatt l-appellant hareg ricevuta ohra tal-mejda ta' qabel fl-ammont ta' €29.30 minn jeddu izda ma lahaqx ghadda l-ircevuta lillklijent ghaleix kien lahaq hareg u telaq 'l barra u kein ghalhekk li l-Vat inspector ipprezentaha l-Qorti.

L-avukat difensur tal-appellant jghid li ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma hux kredibbli ghaleix ma hux konsistenti u dan ghaleix fil-konro esami jispjega f'iktar dettal dak li kien stqarr fix-xhieda in esami. Jinghad li ghalkemm huwa minnu li fil-kontro esami ix-xhud psejga ahjar dak li sehh dak in-0nhar tal-ispezzjoni dan sar ghlaeix giemsitoqsi certu domadnui li ma giex mistoqsi fl-esami u lig halhekk kellu l-hin jelabora fuq dak li kein sehh. Dan m ajfissirx li ix-xhud ma hux kredbibbli jew konsistenti. Biex xhud ma jkunx konsistenti irid jikkontradici lilu innifsu umhux jelabora fuq dak li jkun qal qabel. Dan qed jignahd ghaleix wara kollox ix xhud kein qieghed iwigeb ghad domandi li gew impost lilu u ma xehdx min rajh a sua sponte .

Illi fil-kwadru tal-fatti kif jirrizultaw lil din il-Qorti, jirrizulta li l-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti kien wiehed *safe u satisfactory* u ghalhek din il-Qorti sejra tikkonferma l-ewwel sentenza fir-rigward tal-mertu

Illi jifdal biex jigi ezaminat l-aggravvju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tal-appellanti kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi gie kkundannat ihallas mult ata tlett elef euro (€3,000).

*"Illi jintqal li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt."* (Ara. **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella**[22], **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**[23] u ohrajn.) Ukoll kif irriteniet fl-Appelli Kriminali **Il-Pulizija vs. Aronne Cassar**[24] u **Il-Pulizija vs. Noel Frendo**[25] , din il-Qorti taghmel riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo**[26] u **The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra**[27], fejn fiz-zewg kazijiet gew citati b'approvazzjoni brani mill BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE u minn ARCHBOLD , "**Criminal Pleading , Evidence and Practice**" , li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.

Illi ma hemmx dubbju li l-piena imposta taqa' fil-parametri tal-ligi. Il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant esebita fl-atti a fo.24 et seq u jirrizulta li l-appellant gja ghandu diversi 'convictions' registrati fuqha fosthom erba' (4) convictions li jikkoncernaw reati naxxenti mill-Ordinanza tal-Vat li gew registrati fis-snin 2012, 2013 (hemm tnejn) u 2014 fejn fl-erba' okkazjonijiet gie kkundannat ihallas multi ta' €700. Ili ghalhekk

---

[22] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar il 14 ta' Gunju 1999

[23] Deciz mill-Qorti Kriminali nhar il-24 ta' April 2003

[24] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Ottubru 2004

[25] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Superjuri) nhar it-28 ta' Ottubru 2004

[26] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ( Superjuri) nhar il-14 ta' Novembru, 2002

[27] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Gunju, 2003.

ghalkemm l-appellant ma hux recidiv fit-termini tal-ligi xorta din il-Qorti ghandha taghti kaz din ic-cirkostanza partikolari u cioe' li l-appellant ma jridx jitghallem li irid johrog ricevuta fiskali ghal kull biegh li jsir. Ghalhekk f'din ic-cirkostanza thoss li l-piena inflitta hija piena idoneja u ghalhekk din il-Qorti qeda tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' htija kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta.

Tordna ukoll sabiex l-Ordni maghmula mill-ewwel Qorti ai termini tal-artikolu 377 (3) tal-Kap 9 u cioe li ghandu ihallas ammenda ta' hames (€5) Euro kuljum una volta jghaddu t-tlett xhur imposti ghal hlas tal-multa inflitta u jibqa' hekk inadempjenti.

It-terminu ghal hlas tal-multa ta' tlett xhur jibdew jiddekorru m'illum.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef